**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**kontra**

**RODERICK AZZOPARDI**

**(I.D. No. 81284(M))**

Kaz Nru.: 300/2014

**Illum, 8 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Roderick Azzopardi** ta' 37 sena, bin Ignatius u Rita nee Spiteri, imwieled Pieta' nhar id-9 ta' Jannar 1984, residenti Seaview Court, Flat 2 Triq id-Denċi, Mellieħa u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 81284M, permezz ta' liema gie akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer, nhar fil-25 ta' Settembru 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data, ġewwa l-Ħamrun, kif ukoll fil-ġimgħatejn ta' qabel din id-data, f' ħinijet differenti u fi bnadi oħra f' Malta

1. Kellek fil-pussess tiegħek ir-raża meħuda mill-pjanta Kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Art. 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Kellek fil-pussess tieghek d-droga Erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li timmanifattura, jew iforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tiegħek skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura d-droga Erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i, minghajr ma kellek licenzja tal-President ta' Malta, u minghajr ma kont awtorizzata bir-regoli tan-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew min xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur ta' regolament 4 tar-regolamenti tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 291/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żagħżagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żagħżagħ skond l-artikolu 22 (2b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli sirt reċediv b' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta mogħtija mill-Maġistrat Dr. M.A. Farrugia nhar il-25 ta' Jannar 2013, liema sentenza saet definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021[1];

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet ghall-ismigh mill-gdid tax-xhieda mismugha viva-voce minn dina l-Qorti diversament preseduta[2];

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **PS 419 Anton Buttigieg** xehed illi mar jesegwixxi mandat fil-konfront ta' l-imputat ġewwa Seaview Court, Flat 2 Triq id-Denċi, Mellieħa iżda ma setax jidħol fil-blokka għax il-bieb kien magħluq u rriżulta li l-imputat ma kienx joqgħod hemm peress illi dawn l-appartamenti ġew mgħoddija lill-Awtorita' tad-Djar. Ix-xhud eżebixxa Dok AB u AB 1 (ritratti li thallew mill-Awtorita' tad-Djar mal-bieb tal-istess appartament).[3]

2. **L-Ispettur Malcolm Bondin** xehed li fil-25 ta' Settembru 2013 waqt li membri ta' l-Iskwadra Kontra d-Droga kienu qed jagħmlu spezzjoni fl-inħawi ta' Misraħ il-Parroċċa Mellieha waqqfu lill-imputat li kien b' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KQZ 068 u wara li għamlu tfittxija fuqu u fil-karozza sabu biċċa sustanza suspettata cannabis resin u kif ukoll sikkina maħruqa suspettata li ntużat biex jaħraq l-istess sustanza. Sussegwentament saret tfittxija fir-residenza tiegħu fejn jgħix mal-partner tiegħu Charlotte Zammit u żewġt itfal li kienu hemmhekk u għalhekk daħħlu WPS 237 u WPS 120 fit-tfittxja. Ix-xhud xehed li mill-kamra tal-banju, l-pulizija sabu tlett siringi u

[1] Fol. 71 tal-atti processwali.
[2] Fol. 73 tal-atti processwali.
[3] Ara a fol. 12 sa 13.

mgħarfa maħruqa li s-soltu tintuża biex tinħaraq id-droga eroina. Mis-salott instabu xi biċċiet plastic suspettużi kif ukoll grater, miżien diġitali u xi foil maħruq u dawn instabu n-naħa tad-dining room. Fil-main bedroom instabet siringa użata u mgħarfa oħra maħruqa. Kemm l-imputat u Charlotte Zammit ġew arrestati u meħuda d-depot fejn ix-xhud kellem lill-imputat wara li tah id-dritt ta' l-avukat li huwa rrifjuta.[4] Ix-xhud xehed li ħa l-istqarrija ta' l-imputat fil-preżenza ta' PS 518 Anthony Degiovanni. F' din l-istqarrija l-imputat ammetta li hu kellu l-vizzju tad-droga u qal li l-Cannabis resin kienet tiegħu. L-imputat qal ukoll lix-xhud li kellu ukoll il-vizzju tal-eroina.[5] Sussegwentament ix-xhud kellem lil Charlotte Zammit li kienet il-partner tal-imputat u hi ukoll ammettiet li kellha l-vizzju ta' l-eroina u rriżulta illi kienet tagħti l-flus lill-imputat sabiex imur jixtri u jġib id-droga u b' hekk kienu jabbużaw flimkien fl-appartament stess. Ix-xhud iddikjara ukoll li minkejja li nhargu akkuzi ta' traffikar jidher li kien kaz ta' *trafficking by sharing*.

Rat ukoll li ai fini ta' l-akkuża tar-reċediva l-Ispettur Malcolm Bondin esebixxa s-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 25 ta' Jannar 2013.[6]

3. **PS 518 Anthony Degiovanni** xehed li fil-25 ta' Settembru 2013 flimkien ma' PS 1086, PC 243 u PC 1348 kienu waqqfu lill-imputat f' Misraħ il-Parroċċa, gewwa l-Mellieħa. Ix-xhud xehed li għamlu tfittxija fuq l-imputat fejn fuq il-persuna tiegħu sabu biċċa suspettuża Cannabis Resin. Għamlu ukoll tfittxija fil-karozza tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni KQZ 068 fejn sabu sikkina u mus li kien maħruq. Sussegwentament marru fir-residenza ta' l-imputat fl-indirizz Seaview Court, Flat 2 Triq id-Denċi, Mellieħa fejn sabu lil Charlotte Zammit flimkien ma' żewġ uliedhom. Saret tfittxija fil-kamra tal-banju fejn instabu tlett siringi u mgħarfa b' xi traċċi. Fil-living room kien hemm xi biċċiet tal-foil, siringi u mgħarfa oħra. Kollox ġie elevat u mgħoddija lill-Ispettur Bondin.

4. **PS 1086 Johann Micallef** xehed li fil-25 ta' Settembru 2013 kienu waqqfu lill-imputat f' Misraħ il-Parroċċa, gewwa l-Mellieħa fejn fuq il-persuna tiegħu sabu biċċa sustanza suspettata raża tal-Cannabis u fil-karozza instabet sikkina maħruqa. Saret tfittxija fil-fond u instabu xi siringi użati, miżien elettroniku u sikkina oħra maħruqa.

---

[4] Ara a fol 17 tal-Proċess.
[5] Ara a fol. 20 sa 21 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 38 et seq. tal-Proċess.

5. **PC 1348 Joseph Campbell** xehed li fil-25 ta' Settembru 2013 kienu marru lejn il-Mellieħa u fil-pjazza tal-Mellieħa kienu waqqfu lill-imputat. Wara li għamlu tfittxija fuq il-persuna tiegħu sabu biċċa kannella suspettata raża tal-Cannabis. Saret ukoll tfittxija fil-karozza tiegħu fejn instabet sikkina maħruqa suspettata li ntużat biex tqatta' l-Cannabis resin. Sussegwentament saret ukoll tfittxija fir-residenza tiegħu l-Mellieħa stess u instabu xi siringi użati, miżien elettroniku, xi plastic b' xi droga ġo fih u mgħarfa suspettata li ntuzat biex tissajjar id-droga fuqha. L-imputat ġie arrestat ghall-iktar investigazzjonijiet.

6. **Charlotte Zammit** xehdet li kienu ttieħdu proċeduri kontra tagħha iżda dawn ġew konklużi. Ix-xhud xehdet illi l-appartament li toqgħod fih flimkien ma' l-imputat u t-tfal tagħhom huwa tagħha. Ix-xhud xehdet li dakinhar tal-25 ta' Settembru 2013, għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu hi u t-tfal kienu rieqdin id-dar. L-imputat kien joħroġ kmieni. Hija semgħet l-istorbju u kelb jinbaħ u meta fetħet il-bieb sabet il-Pulizija li kellhom lill-imputat odjern immanetjat maghhom u infurmawha li kienu ser jagħmlu *search.* Ix-xhud xehdet li l-pulizija sabu siringi, armi, sikkina, boroż vojta u fuq l-imputat sabu xi smoke. Ix-xhud xehdet li hi ukoll ttieħdet id-Depot għal aktar stħarriġ u fil-fatt irrilaxxat stqarrija. Ix-xhud qalet li dak iż-żmien kienet tqila bit-tifla. Xehdet ukoll li hi kienet tabbuża mill-Eroina u kienet tibża tmur għal mistura għaliex beżgħet li kienu jeħdulha t-tfal. Xehdet ukoll li l-imputat ma kienx iħalliha tmur għal mistura għaliex kien jibza ukoll li kienu jeħdulha lit-tfal. Hija xehdet li l-imputat kien possessiv u kien ibagħti minn problemi mentali. Ix-xhud xehdet li għamlet tlett ġimgħat dar l-Impenn għal kura u inħarġet *Care Order* fuq it-tfal iżda fi żmien ġimgħa t-tfal rritornaw id-dar. Ix-xhud kompliet tixhed li <u>l-imputat kien jixtri u jqassam id-droga hu iżda hi kienet tagħtih il-flus</u>. Ix-xhud xehdet li hi kienet ilha tabbuża mid-droga minn dik is-sena stess meta ġiet arrestata u l-imputat kien beda' jabbuża mid-droga qabilha. Ix-xhud spjegat li hi u l-imputat kienu jabbużaw mid-droga flimkien, u filwaqt li hi kienet dejjem tuża l-foil, l-imputat mhux dejjem kien jeħodha bl-istess mod.

Rat li l-**imputat, Roderick Azzopardi,** għażel volontarjament u minn jeddu li jixhed u xehed illi huwa kien inqabad bid-droga ġewwa l-Mellieħa. Huwa kompla jixhed li huwa m' għadux ma' l-ex partner tiegħu u li magħha għandu erbat itfal. Huwa xehed li hu u l-partner tiegħu kienu jgħixu flimkien u kienu jixtru d-droga. Ix-xhud xehed li <u>daqqa kien jixtri d-droga hu u daqqa kienet tmur tixtriha hi</u> u kienu jħallsu nofs bin-nofs. Gieli kien hemm drabi li l-ex partner tiegħu ma' kellhiex flus u allura kien jixtri d-droga hu. Huma kienu jabbużaw mid-droga flimkien ġewwa d-dar tagħhom. Ix-xhud qal li huma kienu jieħdu ir-raża tal-

Cannabis u l-Eroina. Ix-xhud qal li hu u l-ex partner tiegħu għamlu disa' snin flimkien u dan bejn is-sena 2009 u s-sena 2018.

**Ikkunsidrat ulterjorament**

Illi l-imputat irrillaxxa stqarrija lill-pulizija nhar il-25 ta' Settembru 2013 u dana wara li l-imputat irrifjuta d-dritt li jikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali qabel it-tehid tal-istess stqarrija (galadarba dak iz-zmien il-ligi ma kinitx tippermetti li l-avukat jew il-prokuratur legali jkun prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija)[7]. Jirrizulta ukoll li qabel l-istqarrija l-imputat gie mwissi mill-ispettur Malcolm Bondin fil-prezenza ta' PS518 Anthony DeGiovanni li "*mintiex obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista jingieb bi prova*"[8]. Dan sar ai termini tal-ligi vigenti dak iz-zmien u ghaldaqstant jidher li dina l-istqarrija hija *prima facie* wahda valida u ammissibli fi proceduri penali.

Irid jinghad ukoll li bhala stat ta' fatt id-difiza qatt ma kkontestat il-volontarjeta' tal-istqarrija u qatt ma talbet lil dina l-Qorti sabiex ma tikkunsidrax l-imsemmija stqarrija meta tigi sabiex tikkunsidra r-*reita* tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet odjerni. Madanakollu dina l-Qorti hija tal-fehma li hija trid necessarjament tevalwa l-imsemmija istqarrija bhal kull prova ohra prezentata fl-atti processwali bil-ghan li tiddetermina jekk bhala prova hijiex wahda li dina l-Qorti ghandha tistrieh fuqha fil-gudizzju taghha u dana rrispettivament minn jekk l-imputat ikunx talab ghall-isfilz tal-istess jew altrimenti.

Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti sabiex l-imputat ma jkunx assistiet permezz ta' avukat jew prokuratur legali waqt l-interogazzjoni. Fil-fatt minn Dok. MB (fol. 19 tal-atti processwali) jirrizulta li l-imputat irrifjuta dritt li jikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali qabel ma ssir l-interrogazzjoni (hekk kif kienet tippermetti ligi fiz-zmien it-tehid tal-istqarrija). Tenut dak suespost jirrizulta li l-unika raguni l-ghaliex l-imputat ma kienx mghejjun minn avukat waqt l-interrogazzjoni kienet l-ghaliex il-ligi vigenti dak iz-zmien ma kinitx tippermettieha. Dak iz-zmien li fiha ttiehdet l-istqarrija odjerna (2013) il-ligi kienet tippermetti biss li l-imputat ikun jista' jikkonsulta ma avukat qabel ma tittiehed l-istqarrija sa massimu ta' siegha.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost dina l-Qorti ma ghandiex dubbju li l-imputat ma kienx assistiet minn avukat jew prokuratur legali waqt it-tehid tal-

[7] Ara f'dan ir-rigward fol. 19 tal-atti processwali.
[8] Fol. 20 tal-atti processwali.

istqarrija minhabba li l-ligi vigenti dak iz-zmien li ma kinitx tippermetti li persuna li kienet qed tigi interrogata tkun hekk assistita waqt l-interrrogatorju.

Illi l-guriprudenza lokali ricenti fir-rigward tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju jidher li qed tistrieh fuq l-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, li kien jitratta ukoll sitwazzjoni fejn il-ligi domestika relevanti ma kinitx tippermetti l-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u fejn ma kienx hemm ragunijiet impellenti ghalfejn ma tigiex offruta l-assistenza tal-avukat. F'dan il-pronunzjament intqal:

> *"120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, ... § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ... ... ... "*
>
> *121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. ... ... ... "*
>
> *... ... ... "139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.*
>
> *"140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention ... ... ... Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form ... and sometimes in greater detail ...*
>
> *"141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, ... §§ 257 and 258-62).*
>
> *"144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, ... § 262). That latter point is of particular importance*

*in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer ... to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey.*

*"145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer*[9] *(see Ibrahim and Others, ... § 265).......*

*"147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*"148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused....... "150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):*

*"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*"(c)whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

[9] Emfazi ta' dina l-Qorti

*"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter; "*

*(i)the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice".*

Dina l-Qorti ma hijiex se tispekula x'kien isir kieku l-imputat ezercita dritt tieghu li minn tal-inqas ikun assistit minn avukat jew prokuratur legali qabel l-interrogatorju galadarba dan kien fid-dritt tieghu li jirrifjuta dan id-dritt. Dina l-Qorti lanqas ma hija ser tispekula x'kien isir kieku l-imputat kien ikollu l-ghazla jew l-opportunita li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju galadarba bhala stat ta' fatt dan ma kienx u qatt ma tpogga f'posizzjoni li legalment ikun jistgha jezercita dan id-dritt u dana fid-dawl tal-ligi vigenti dak iz-zmien.

Li kjarament jirrizulta huwa li waqt l-istqarrija l-qua imputat inkrimina lilu nnifsu. Fil-fatt jirrizulta kjarament li wahda mill-prova principali in sostenn tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tal-imputat hija l-istqarrija. Ghalkemm mix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li dak inhar li saret it-tfittxija fuq l-imputat allegatament nstab fil-pussess ta' raza tal-Cannabis, dina s-sustanza ma gietx analizzata fl-iter tal-proceduri odjerni sabiex ikun determinat x'kienet din is-sustanza u dana minkejja li ma jirrizultax li kien hemm ezenzjoni mid-difiza f'dan ir-rigward. Iktar minn hekk, ghalkemm jidher li nstabu xi affarijiet relatati mat-tehid ta' sustanzi illeciti u dawn gewipprezentati fl-atti processwali immarkati bhala Dok. MB2, dawn qatt ma gew analizzati minn espert sabiex jigi determinat jekk instabux xi tracci ta' sustanzi illeciti fil-konfront tal-istess imputat. Ghaldaqstant, kjarament jirrizulta li b'eccezzjoni ghax-xiehda ta' Charlotte Zammit (l-*ex* partner tal-imputat), il-prosekuzzjoni ghazlet li tistrieh fuq stqarrija li kienet mehuda minghajr ma l-imputat kellu l-possibilita li jkun legalment assistiet waqt dina l-istqarrija u dana minghajr ma ressqet provi ohra in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-istess imputat. Min-naha l-ohra meta l-imputat ghazel minn jeddu li jiehu l-pedana tax-xhieda huwa ma kkonfermax l-imsemmija stqarrija.

Tenut kont dak kollu suespost dina l-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-provi migbura u l-gurisprudenza relatata mal-valur probatorju li hija ghandha taghti l-istqarrija mehuda f'cirkostanzi simili ghal dawk tal-kaz odjern, partikolarment il-fatturi stabbiliti sabiex isir l-analizi tal-*overall fairness* tal-proceduri, ma thossx li jkun opportun li tistrieh principalment fuq l-istqarrija sabiex tistabillixi r-reita o meno tal-imputat ghall-imputazzjonijiet odjerni. Dana f'cirkostanzi fejn il-prosekuzzjoni, in sostenn tal-imputazzjonijiet odjerni, b'eccezzjoni ghax-xhieda ta' Charlotte Zammit, ma ressqet l-ebda prova ohra hlief l-istqarrija tal-imputat u dana minkejja li skond ix-xhieda ta' l-ufficjali li kienu involuti fit-tfittxija fuq l-imputat allegatament irrizulta li huwa nstab fil-pussess ta' sustanza suspettata sustanza illecita u ta oggetti relatati mal-abbuz tad-droga.

Isegwi ghalhekk li ghar-ragunijiet suesposti u fid-dawl tal-principju tal-*overall fairness,* dina l-Qorti ma hijiex ser tikkunsidra l-istqarrija rrillaxxata mill-imputat meta tigi sabiex tikkunsidra ir-reita' tieghu o meno ghall-imputazjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

Illi tenut kont ta' dak suespost dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tanalizza jekk mit-testimonjanza ta' Charlotte Zammit jirrizultawx ippruvati l-elementi tar-reati prospettati mill-prosekuzzjoni fil-kaz odjern.

Fl-ewwel lok irid jinghad, b'referenza ghal dak li jistipula l-artikolu 635 tal-Kodici Kriminali, li f'dak iz-zmien li tressqet bhala xhud mill-prosekuzzjoni Charlotte Zammit ma jirrizultax li hi u l-imputat kienu ghadhom f'relazzjoni jew jghixu flimkien ghaldaqstant ma jistghux jitqiesu bhala ko-abitanti fit-termini tal-artikolu hawn fuq imsemmi.

Fix-xiehda taghha, Charlotte Zammit ikkonfermat li l-imputat kien jiehu d-droga, fil-fatt hija tghid li huwa kien beda jabbuza minn sustanzi illeciti qabilha madanakollu hija ma taghmilx referenza specifika ghat-tip tad-droga li huwa kien jikkonsma salv ghal dak li ha jinghad iktar 'il quddiem fir-rigward tad-droga herojina. Fl-iter tal-proceduri, l-imputat debitament assistiet ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda minn jeddu fejn iddikjara:

> *"Xhud: Konna f'relazzjoni, illum il-gurnata ghandna erbat itfal u ma ghadniex flimkien pero' konna nghixu flimkien u konna naqsmu d-droga. Daqqa nixtriha jien u daqqa tixtriha hi. U jekk infaqna Eur. 100, 50 kull wiehed. U wiehed jghin lill-iehor.*
>
> *Qorti: meta tghid 'droga' ghal liema droga qed tirreferi?*
>
> *Xhud: <u>Raza tal-Cannabis</u> u konna niehdu xi eroina ukoll."*[10]

[10] Fol. 54 tal-atti processwali

Għaldaqstant, minkejja dak li ntqal iktar qabel f'din is-sentenza fir-rigward tas-sustanza li nstabet fil-pussess tiegħu u l-istqarrija rrillaxata mill-imputat (li giet kompletament skartata f'dawn il-kunsiderazzjonijiet), fid-dawl tad-deposizzjoni tal-istess Azzopardi mghotija bil-gurament, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel imputazzjoni, li tirrigwarda l-pussess semplici tar-raza Cannabis, giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Zammit tispjega ukoll li hija kienet bdiet tabbuza mill-herojina fis-sena 2013. Fil-fatt jirrizulta li fix-xhieda taghha, l-imputata taghmel biss referenza ghad-droga herojina. Di piu', Charlotte Zammit, iddikjarat li hija dejjem kienet tghaddi l-flus lill-imputat sabiex huwa jixtri d-droga, l-imputat kien jixtriha u kienu jaqsmuha bejniethom u kienu jiehdu l-istess d-droga flimkien. Hija kjarament tiddikjara li f'dak il-perjodu kien dejjem l-imputat li mar jixtri ghaliha ghax hija ma kinitx taf minn fejn tixtrieha u sussegwentament kienu jikkonsmaw id-droga flimkien hija fuq il-foil u l-imputat mhux dejjem l-istess. Dan sa certu punt jispjega u jikkollabora n-numru ta' siringi li gew misjuba fit-tfittxija li saret fir-residenza dak iz-zmien tal-imputat u ta' Charlotte Zammit. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dina t-testimonjanza dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat kien f'pussess semplici tad-droga herojina.

Ghal dak li jirrigwardja l-imputazzjoni ta' traffikar, il-fatt li l-qua imputat ghadda d-droga herojina lil Charlotte Zammit tirrizulta pruvata kemm mix-xhieda ta' Zammit stess kif ukoll mix-xhieda tal-qua imputat. Madanakollu t-tnejn li huma, hekk kif spjegat iktar 'il fuq, jikkonfermaw illi l-imputat kien imur jixtri l-herojina ghalihom it-tnejn. L-unika differenza bejn iz-zewgt deposizzjonijiet hija li l-imputat jghid li gieli kienet tixtri d-droga Zammit ukoll. Dan Zammit tinnegah. It-tnejn li huma jispjegaw li l-flus ghad-droga kienu jaqsmuhom bejniethom u sussegentament jikkunsmawha t-tnejn flimkien fir-residenza taghhom. In sostenn ta' dan kif gia ntqal l-ufficjali tal-pulizija li ghamlu tfittxija fir-residenza taghhom sabu diversi oggetti relatati mal-abbuz tad-droga (bhal siringi) f'diversi kmamar god-dar.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti d-difiza qeghda tikkontendi li dan huwa kaz ta' *trafficking by sharing* u ghaldaqstant dina l-Qorti ghandha tapplika l-ewwel proviso tas-subartikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

> *"(9) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-KodiċiKriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probationma jkunuxapplikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i):*

*Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina inkwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt, il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:*

*Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-dispożizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan."*

Illi l-fatti tal-kaz odjern definittivament ma jinkwadrawx fit-tieni parti tal-proviso ghas-subartikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dana l-ghaliex il-konsum tad-droga fil-kaz prezenti ma sarx f'avveniment wiehed minghajr profit. Ghaldaqstant dak li dina l-Qorti trid tara huwa jekk l-ewwel parti tal-imsemmi *proviso* – 'li l-hati bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma ohrajn' - japplikax fil-kaz in ezami.

Fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** u **Il-Pulizija v. Marco Galea** decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-5 ta' Mejju 2008 nghad is-segwenti fir-rigward tal-ewwel proviso ghas-subartikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jittraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok*

*kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."* (emfazi tal-esponent)

Fil-kaz odjern, mill-provi prodotti jidher li Azzopardi ma kienx jixtri d-droga ghalih u imbaghad jaqsamha ma Charlotte Zammit izda kien jixtri d-droga ghalihom it-tnejn, imur id-dar, jaqsamha u jikkonsma ma Charlotte Zammit. Hawnhekk wiehed irid ukoll jikkunsidra li dan ma sarx f'okkazzjoni wahda izda diversi drabi f'xenarju fejn Azzopardi u Zammit kienu f'relazzjoni u jirrisjedu fl-istess dar. Zammit tispjega ukoll li kienet itih il-flus biex jixtrilha d-droga. Fil-fatt f'dan ir-rigward Charlotte Zammit tiddikjara bil-gurament:

*"Jixtri hu, jqassam hu, kif kien jghid hu, jien just hadt u daqshekk. Jew tajtu l-flus, il-flus tieghi tajthom lilu."*[11]

Mill-provi prodotti ma jirrizulta fl-ebda hin li Zammit kienet tkun ma l-imputat fil-hin tal-akkwist tad-droga perikoluza. Ghaldaqstant l-insenjament tas-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ryan Galea**[12] u **il-Pulizija v. Claire Farrugia**[13] ma japplikax ghal kaz odjern.

Azzopardi ukoll jikkonferma li Charlotte Zammit kienet itih il-flus sabiex jixtrilha id-droga. L-unika differenza hija li l-imputat jghid ukoll li kien hemm istanzi li fihom kienet xtrat id-droga Zammit (fil-fehma ta' dina l-Qorti din l-ahhar parti se mai taffettwa r-reponsabilita' kriminali ta' Zammit u mhux ta' Azzopardi).

Dan ifisser li fil-mument li l-imputat kien jixtri d-droga huwa kien ser jaghmel dan mhux biss ghalih izda ukoll ghal Charlotte Zammit. Fil-fatt Zammit kienet itih il-flus ghal dan l-ghan.

F'dan ir-rigward isir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis** deciza mill-Onor. Imhallef Edwina Grima fid-19 ta' Novembru 2015:

*"Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand*

[11] Fol. 47 tal-Atti processwali.
[12] 25.11.99
[13] 17.3.05

*dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess tieghu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-decizjonijiet **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** u Il-**Pulizija v. Marco Galea**, decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li ghalihom taghmel referenza l-Ewwel Qorti fi-decizjoni impunjata.*

*Illi huwa minnu illi il-qrati taghna jigu rinfaccjati spiss b'sitwazzjonijiet simili bhal dik li instab fiha l-appellanti, fejn grupp hbieb jinkarigaw lil wiehed minnhom sabiex jaghmel l-akkwist ghan-nom taghhom lkoll, u li tali persuna tispicca ikollha tiffaccja akkuzi dwar traffikar jew pussess aggravat. Izda ma jidhirx illi l-legislatur kellu f'mohhu dawn iccirkostanzi, li ghalkemm jimmeritaw l-attenzjoni tieghu, madanakollu ma jinkwadrawx rwiehom fid-dispost tal-ligi li jikkontempla 'l hekk imsejjah t-trafficking by sharing. Illi li kieku din il-Qorti kellha tabbraccja it-tezi prospettata mill-appellanti tkun qed tiftah il-bibien ghal abbuz serju fejn persuna intercettata b'ammont ta' droga jew sustanza illecita f'xi avveniment socjali tohrog bl-iskuza illi dawn hija akkwistathom bl-intenzjoni li taqsamhom ma' shabha, minghajr ma jingiebu provi ulterjuri sabiex tigi sostanzjata dina l-affermazzjoni."*

Isegwi ghalhekk li ghalkemm mill-provi mressqa jirrizulta pruvat li l-imputat traffika d-droga herojina lil Charlotte Zammit, l-fatti mertu tal-proceduri odjerni ma jinkwaddrawx fil-parametri tal-proviso ghas-subartikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta (hekk kif sostniet id-difiza).

Illi fir-rigward tar-recidiva u cioe' r-raba' imputazzjoni dina l-Qorti tosserva li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li turi li l-piena ta' multa inflitta minn dina l-Qorti permezz tas-sentenza tal-25 ta' Jannar 2013 giet effettivament imhallsa u f'kaz li hekk inhu l-kaz, meta sar dan. F'dan ir-rigward dina l-Qorti taghmel referenza ghal dak li jistipula l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali:

> *50.Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħorfi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun <u>skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena</u>[14], jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minnħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha,tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għaldak id-delitt ieħor.*

Din id-disposizzjoni turi kjarament li l-perjodu ta' hames snin (fil-kaz odjern) ghandu jigi kkalkulat minn meta l-persuna ikkundata ghal delitt tkun skontat il-piena, fil-kaz odjern meta thallset l-multa inflitta. Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ta' dan fil-kaz odjern u ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mir-raba' imputazzjoni.

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti qieset il-fatt li l-fatti tal-kaz odjern jirrisalu lura ghas-sena 2013 bil-maggior parti tad-dewmien ikun attribwibbli ghan-nuqqas ta' dehra tal-imputat. Qieset ukoll in-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom il-qua imputat ser jinsab hati, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment il-fatt li huwa kellu vizzju tad-droga u c-cirkostanzi li fihom l-istess droga giet traffikata. Dina l-Qorti qiset ukoll il-fedina penali aggornata tal-qua imputat (li ma hijiex wahda felici) u li llum il-gurnata Azzopardi jixher li irnexxielu jindirizza l-problema li huwa kellu ta' dipendenza fuq id-droga.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija qeghda tillibera lil qua imputat Roderick Azzopardi mir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed isibu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u konsegwentament dina l-Qorti qeghda tikkundanah ghal-perjodu ta' disa' xhur prigunerija effettiva kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Ewro (Eur.1,500) li b'applikazzjoni

[14] Emfazi tal-esponent.

tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija, hamsa u ghoxrin Ewro (Eur. 125) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebieta, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur